MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 900/2002

**Thomas Dimech**

**vs.**

**Miriam Dunn u b’ digriet tad-9 ta’ Mejju 2003 Dr. Richard Sladden u l-PL Veronica Rossignaud gew appuntati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-istess assenti; id-Direttur tar-Registru Pubbliku u b’ digriet tal-10 ta’ Marzu 2003 gew nominati Dr. Tonio Azzopardi u l-PL Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri Benedict John Dimech**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta’ Awissu 2002 (a fol.1 tal-process) fejn gie premess:-

Illi fl-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju, tas-sena elfejn u wiehed (2001) twieldet lill-konvenuta Miriam Dunn tarbija ta' sess maskili li ggib l-isem Benedict John;

Illi din it-tarbija giet registrata erronjament fir-Registru Pubbliku b' att tat-twelid numru tlett elef sitt mija u erbgha u ghoxrin tas-sena elfejn u wiehed (3624/2001) bhala iben l-attur, hekk kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid, immarkat bhala Dok. "A";

Illi l-attur u l-konvenuta Miriam Dunn isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali datat disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001) fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, hekk kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok. "B";

Illi qabel ma ghaddew ghas-separazzjoni konsenswali taghhom, l-attur u l-konvenuta Miriam Dunn kienu ilhom jghixu *de facto* separati minn xulxin ghal fuq minn sena u ghaldaqstant it-tarbija Benedict John la hi u lanqas tista' tkun iben l-attur;

Illi l-konvenuta Miriam Dunn ammettiet illi l-imsemmi tifel ma kienx it-tifel naturali tal-attur izda ta' Paul Blendford (ara kopja tad-dokument immarkat Dok. "C") ma' liema Blendford, il-konvenuta Miriam Dunn ilha zmien tghix regolarment;

Illi t-tifel minuri Benedict John mhux il-wild naturali tal-attur;

Illi, l-istess attur talab lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. *Previa, okkorendo* bl-opera ta' periti teknici w okkorendo wkoll permezz ta' dawk it-testijiet u verifiki genetici u xjentifici kontemplati mill-**artikolu 70 tal-Kap. 16,** illi jistghu jigu ordnati minn dina l-istess Qorti u kondotti mill-periti teknici talvolta nominati, tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri Benedict John mhux it-tifel naturali tal-attur Thomas Dimech b' mod li ghalhekk

hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmi minuri f' dan is-sens;

2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-atti tat-twelid tal-imsemmi minuri Benedict John, b'mod illi r-rizultanzi tal-ewwel talba jigu korrettament u fedelment rispekkjati fl-istess certifikati ta' twelid billi *inter alia,* jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, l-isem u l-konnotati kollha l-ohra tal-attur Thomas Dimech u l-istess jigu sostitwiti b' dak it-taghrif iehor illi jigi ordnat minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minn fol. 4 sa fol. 6 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern skond il-ligi datata 23 ta' Settembru 2002.

Rat ir-rikors ta' Thomas Dimech datat 25 ta' Lulju 2001 fejn talab illi previa l-ispedizzjoni tas-soliti bandi flimkien ma' kopja tal-iskritturi ppresentati kontestwalment jew verzjoni qasira tal-istess, dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lill-imsemmi konvenut minuri Benedict John Dimech ghall-fini tal-kawza pprezentata kontestwalment u ghall-fini tal-atti kollha l-ohra konnessi u sussegwenti u jitlob ulterjorament illi l-imsemmija bandi u skritturi jew verzjoni qasira tal-istess jigu notifikati lill-konvenuta Miriam Dunn, omm l-imsemmi minuri.

Rat id-digriet datat 6 ta' Awissu 2002, fejn il-Qorti ordnat il-hrug tas-soliti bandi.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 10 ta' Marzu 2003, fejn gew nominati Dr. Tonio Azzopardi u l-PL Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fl-20 ta' Marzu 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attur sittin (60) gurnata sabiex jipprezenta l-provi kollha li jista' permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi Dr. Tonio Azzopardi u l-PL Mario Mifsud Bonnici nominati biex jirraprezentaw l-interessi tal-minuri Benedict John Dimech, datata 8 ta' April 2003, fejn ecceppew bir-rispett:-

1. Illi r-registrazzjoni tat-tarbija Benedict John saret kif saret mhux "erronjament" kif gie ddikjarat fit-tieni paragrafu tac-citazzjoni, izda ghaliex il-ligi hekk kienet tirrikjedi li jsir. Il-prova kuntrarja ghandha ssir f' dawn il-proceduri, u ghandha tkun prova solida;

2. Illi l-eccipjenti jaqblu li ghandu jsir id-DNA Testing;

3. Illi l-eccipjent m' humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qieghdin jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi Dr. Tonio Azzopardi u l-PL Mario Mifsud Bonnici w il-lista tax-xhieda a fol. 33 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 15 ta' April 2003, a fol 34, fejn esponew bir-rispett:-

1. Illi l-attur Thomas Dimech ma ottemperax ruhu mat-terminu stipulat fl-**artikolu 73 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** biex jintavola din il-kawza ta' *denegata paternita;*

2. Illi jekk l-attur qed jibbaza ruhu fuq il-**paragrafu 'c' tal-artikolu 73 tal-Kap. 16**, allura irid jipprova illi t-twelid tat-tarbija in kwistjoni giet mohbija minnu b' qerq u f' dan il-kaz, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluzi dawk il-provi xjentifici li jkunu opportuni, ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi l-intavolar ta’ din il-kawza m’ huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-esponent li ghaldaqstant m’ ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti;

4. Illi salv’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda a fol 35 u fol 36 tal-process.

Rat ir-rikors tal-attur Thomas Dimech datat 22 ta’ April 2003, fejn talab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tappunta kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Miriam Dunn fl-atti ta’ din il-kawza u fl-atti l-ohra relattivi u sussegwenti.

Rat id-digriet datat 23 ta’ April 2003, fejn il-Qorti ordnat il-hrug tas-soliti bandi.

Rat id-digriet datat 9 ta’ Mejju 2003, fejn gew nominati Dr. Richard Sladden u l-PL Veronica Rossignaud bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat il-verbal datat 22 ta’ Mejju 2003, fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b’ terminu ta’ 50 gurnata kull wiehed.

Rat in-nota tal-attur Thomas Dimech datata 12 ta’ Gunju 2003, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal datat 16 ta’ Ottubru 2003, fejn Dr. Tanti Dougall obbliga ruhu li jghaddi kopja tal-affidavit lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lil Dr. Richard Sladden u lill-kuraturi.

Rat in-nota tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 28 ta’ Ottubru 2003, a fol. 56, li permezz taghha rrizerva l-kontroezami tax-xhieda maghmula permezz tal-affidavit tal-attur Thomas Dimech.

Rat il-verbal datat 4 ta’ Frar 2004, fejn il-Qorti ordnat lill-attur sabiex jindika d-dettalji ta’ Paul Blendford b’ nota fi zmien ghaxart ijiem mid-data tal-verbal.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet Dr. Richard Sladden u l-P.L. Veronica Rossignaud, bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Miriam Dunn, datata 9 ta' Frar 2004, fejn ecipew bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjenti m' humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jirrispondu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, meta u jekk jikkomunikaw mal-konvenuta;

2. Illi salv' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. Richard Sladden et, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol 60 u fol 61 tal-process.

Rat in-nota tal-attur Thomas Dimech datata 13 ta' Frar 2004.

Rat in-nota tal-avukat Richard Sladden datata 26 ta' Marzu 2004.

Rat in-nota tal-avukat Richard Sladden datata 23 ta' April 2004.

Rat il-verbal datat 18 ta' Mejju 2004, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Frar 2005.

Rat id-digriet datat 14 ta' Gunju 2004, fejn il-Qorti rrikjamat din il-kawza ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2004.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PRINCIPJI LEGALI.

Illi din il-kawza saret abbazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16 li** jipprovdi li:-

*“(1) Ir-ragel jista’ jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg :-*

*(a) jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibbiltà fizika li jghammar ma’ martu minhabba li kien boghod minnha, jew minhabba xi aggident iehor; jew*

*(b) jekk, fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:*

*Izda ma jistax jichad lit-tifel jekk matul dak iz-zmien ikun rega’ nghaqad ma’ martu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(c) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi kien milqut b’impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet wahda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor (li jista’ wkoll ikun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x’aktarx jeskludu dik il-paternita`.*

*(2) Id-dikjarazzjoni biss ta’ l-omm fis-sens li zewgha mhux missier it-tifel ma tkunx bizzejjed biex teskludi l-paternità tar-ragel.*

*(3) Il-Qorti tista’ f’kawza ghac-cahda ta’ l-gharfien tat-tarbija, tistieden lill-partijiet kollha jew xi wahda minnhom, kif ukoll lill-wild li l-filjazzjoni tieghu tkun fid-dubju, sabiex joqoghdu ghall-ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x’taqsam mal-kaz. Il-qorti jkollha l-jedd li tasal ghal dawk il-konkluzjonijiet li jistghu jkunu gustifikati jekk parti ma tkunx trid taghmel dawk l-ezamijiet. Meta t-tifel li dwar il-filjazzjoni tieghu jkun hemm kwistjoni jkun minuri, il-Qorti stess ghandha tistabbilixxi jekk it-tifel jaghmilx l-ezamijiet.”*

Illi kif inghad fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija dik ta’ denegata paternita` u hija wahda minn tliet azzjonijiet

permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakata l-legittimita’ ta’ l-ulied u cjoe’:

(a) L-azzjoni ta’ diskonoxximent jew ta’ *denegata paternita’* abbazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *“pater est quae iustiae demonstrat”,* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma fuq kollox ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta’ l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta’ iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta’ din l-azzjoni inghad fil-kawza **“Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et”** (A.C. 14 ta’ Jannar 1952) li:-

*“Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta’ paternita’ hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi”.*

*“It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta’ stat konformi ma’ l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta’ dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f’illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita’ fizika ta’ koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza”.*

*“Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta’ l-azzjoni ta’ ricerka tal-paternita’ tieghu bil-fatt li dik l-impossibilita’ fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi*

*tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu".*

Illi f'kaz maghmul abbazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (AJ M) 21 ta' Frar 1996) inghad li *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu il-possibilita' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilita' li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni imsemmija ta' mpunjazjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu interess, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni abbazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-i*status* ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah

legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA. (RCP) 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** mal-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibilita' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'referenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna,*

*peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat abbazi tal-**artikolu 77** anke' jekk tigi ppruvata l-impossibilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie ukoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' issir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dan l-istat fattwali japplikaw in-normi stabbiliti fis-sentenza ta' dina l-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef et."** deciza fil-21 ta' Frar 1996 peress li ma jezistix l-istat ta' paternita' li huwa fattwalment konformi mal-istess certifikat tat-twelid. Illi dwar il-prova necessarja u l-principji applikabbli u a skans ta' repetizzjoni din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (P.A. (RCP) 10 ta' Novembru 1999).

Illi japplikaw ukoll pero' n-normi stabbiliti minn din il-Qorti fl-interpretazzjoni li qieghda taghti lill-kuncetti ta' *"boghod"* u "impossibilita' fizika" imsemmija fl-**artikolu 77 tal-Kapitolu 16**, fis-sens illi dawn in-normi ghandhom jigu nterpretati fis-sens illi jistghu jaffettwaw il-koncepiment tat-tarbija - ara "**Ronald Bray vs Charmaine Bray**" deciza

mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Novembru 1997 u “**Spiteri vs Cilia**” deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Jannar 1998.

Illi sentenzi ohra tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili li jirrispekkjaw dawna l-principji huma “**Antonella Bartolo vs Paul Fava**” deciza fit-30 ta’ Jannar 1998, “**Miriam Salerno noe. vs Joseph Salerno et**” deciza fil-15 ta’ Settembru 1998, u “**George Grech vs Nazzareno Grech et.”** deciza fit-30 ta’ April 1999.

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati fis-sentenzi “**Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella”** (P.A. RCP deciza fl-1 ta’ Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP); “**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et**” deciza fil-5 ta’ Lulju 2001 Cit Nru. 190/97/RCP, **“Anthony Sant vs John Cutajar et”** (P.A. RCP 10 ta’ Novembru 1999); “**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et”** (P.A. RCP deciza fil-5 ta’ Lulju 2001 Cit Nru: 190/97/RCP); “**Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`”** (P.A. RCP deciza fl-14 ta’ April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP).

**(II) APPLIKAZZJONI GHALL-PROVI PRODOTTI.**

Illi fl-ewwel lok wiehed irid jirreferi ghall-**artikolu 73 tal-Kap 16** li jipprovdi li tali azzjoni mir-ragel ta’ martu u omm tal-istess tarbija trid issir fi zmien sitt (6) xhur mit-twelid, jekk ir-ragel dak iz-zmien ikun jinsab Malta, u jew fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilhu mohbi.
Illi fil-fatt l-**artikolu 73 tal-Kap 16** jipprovdi li

***73.*** *Fil-kazijiet illi r-ragel jista’ jaghmel kawza sabiex jichad li jaghraf tifel bhala ibnu, hu ghandu jaghmel l-azzjoni:*

*(a) fi zmien sitt xhur mit-twelid, jekk huwa f’dak iz-zmien kien jinsab f’Malta;*

*(b) fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jigi lura f’Malta, jekk fiz-zmien tat-twelid hu kien nieqes minn Malta;*

*(c) fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilu mohbi.*

Illi in effetti din il-kawza ta' *denegata paternita'* saret abbazi ta' l-**artikolu 73 tal-Kap 16** u fit-terminu hemm preskritt u dan peress li jirrizulta li t-tarbija Bendict John ghalkemm twieldet fil-25 ta' Lulju 2001, l-attur ma kienx jaf xejn dwarha anke ghaliex l-konvenuta kienet ilha li abbandunat id-dar konjugali minn April 2000; jirrizulta li fil-fatt il-konvenuta qatt ma' qalet lill-attur xejn dwar dan, izda hu sar jaf biss fi Frar 2002 u ghalhekk la darba il-kawza odjerna giet istitwieta fit-2 ta' Ottubru 2002, jirrizulta li l-istess kawza saret korrettament u fit-terminu moghti u indikat fl-**artikolu 73 (c) tal-Kap 16**

Illi ineffetti u kif gja inghad dan il-kaz jirrizulta li l-attur sar jaf li l-konvenuta Miriam Dunn kellha t-tarbija biss fil-bidu ta' Frar 2002, dan sar jafu minn ghand terzi peress li l-konvenuta Miriam Dunn kienet telqet mid-dar f' April tas-sena 2000 u l-partijiet tkellmu biss dwar ftehim ta' separazzjoni bonarja. Il-konvenuta Miriam Dunn qatt ma nfurmat lill-attur Thomas Dimech bit-tqala taghha u ghalhekk jirrizulta li l-kawza saret fit-termini specifikati fl-**artikolu 73 (c) tal-Kap 16.** Din id-decizjoni qed tinghata wkoll fuq l-iskorta ta' dak li inghad fis-sentenza **"Jesmond Montebello vs Amy Magri et"** (P.A. (P.S) 31 ta' Jannar 2003, fejn l-istess Qorti anke fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 235 Taljan**, li huwa simili ghal taghna, tat interpretazzjoni libera tat-tifsiriet tal-**artikolu 70** u kwindi tal-**artikolu 73 tal-Kap 16** u dan b'sens ta' responsablita' u gustizzja guridika.

Illi mhux biss izda fl-atti processwali, l-konvenuta jidher li ammettiet u accettat il-fatt li l-istess attur m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri tant li fil-*e mail* datata 8 ta' April 2004 li baghtet lil Dr. Richard Sladden li qed jirraprezentha peress li hija assenti minn Malta, hija ammettiet li t-tarbija Benedict John mhux iben l-attur, li hu zewgha u qablet li ghandhom isiru l-korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-istess minuri. Fil-fatt jirrizulta li l-konvenuta kkometiet adulterju u dan f'dak iz-zmien li kienet separata

*de facto* minn mal-attur u ghalhekk jezistu l-kondizzjonijiet indikati fl-**artikolu 70 tal-Kap 16.**

Illi dan ifisser li l-istess konvenuta kkommettiet adulterju ghaliex kellha relazzjonijiet intimi ma' terza persuna, mhux l-attur li kien zewgha, liema rizultat ta' din ir-relazzjoni extra-maritali kien il-wild tal-istess minuri, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li gew sodisfatti d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 70 (1) (d) tal-Kap 16.**

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kollha peress li gie konkludentement ippruvat li l-attur m'huwiex il-missier tal-istess minuri Benedict John u ghalhekk ghandhom isiru l-korrezzjonijiet idoneji fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri, inkluz dak indikat mill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku fit-tieni eccezzjoni tieghu, b'dan pero' li l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandha tigi michuda *stante* li l-azzjoni saret fit-terminu stabilit fl-**artikolu 73 (c) tal-Kap 16.**

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-ammissjoni tal-konvenuta Miriam Dunn u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku u tal-kuraturi deputati rappresentanti tal-istess minuri u tal-assenti Miriam Dunn biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompattibli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri Benedict John mhux it-tifel naturali tal-attur Thomas Dimech b' mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmi minuri f' dan is-sens u cjoe' sabiex l-istess attur ma jibqax jigi ndikat bhala missier ta' l-istess minuri;

2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-atti tat-twelid tal-imsemmi minuri Benedict John, b'mod illi r-rizultanzi tal-ewwel talba jigu korrettament u fedelment rispekjati fl-istess certifikat tat-twelid billi *inter alia,* jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, l-isem

u l-konnotati kollha l-ohra tal-attur Thomas Dimech u l-istess jigu sostitwiti b' dak it-taghrif iehor illi jigi ordnat minn dina l-Qorti. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija li jgib in-numru 3624/01 mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem *Thomas Dimech, il-professjoni jew sengha tal-attur, l-eta', post tat-twelid u residenza tal-attur kif ukoll isem u kunjom missier l-attur u jekk huwiex haj jew mejjet,* u wkoll jigu kkancellat il-kliem *"the said"* mill-kolonna li tirriferi ghall-partikolaritajiet tal-omm, b'dan li l-istess attur ma ghandux jibqa' jigi indikat bhala l-missier tal-istess minuri u tawtorizza u tordna kull modifika ohra *in vista* tal-ewwel talba, u jekk jinhtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti u minflok fil-partikolaritajiet li jirreferu ghall-missier tal-istess tarbija jew minuri ghandhom jigu inseriti l-kliem *"missier mhux maghruf".*

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dak inhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16**.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta proprju *stante* li l-partijiet l-ohra fil-kawza ma kienux responsabbli ghal tali htiega ta' istutuzzjoni ta' din il-kawza, b'dan ukoll li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------